*-kawża bid-dispensa mis-smiegħ*

*-Art 167-170 Kap 12*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

**RikorsNru. 614/2019GM**

**Ballut Blocks Services Limited (C 8360)**

**vs**

**Perfect Builders Limited (C 76956)**

**Seduta tal-31 t'Ottubru 2019.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ippreżentat mis-soċjeta` attriċi fil-21 ta' Ġunju 2019 fejn wara li esponiet illi:-

1. Hija kreditriċi tas-soċjeta' konvenuta fl-ammont ta' €27,734.74 rappreżentanti l-bilanċ ta' prezz ta' materjal tal-bini, inkluż concrete u bricks, mibjugħ u kkonsenjat lis-soċjeta' konvenuta mis-soċjeta' attriċi, u dan fuq inkarigu tas-soċjeta konvenuta stess, skont ma jirriżulta mill-istatement anness, mill-fatturi relattivi annessi u mid-*delivery notes*

relattivi annessi.

2. L-imsemmi ammont huwa dejn ċert, likwidu u dovut u l-fehma tas-soċjeta' attriċi, jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 u 170 tal-kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ billi, fil-fehma tal-istess soċjeta' attriċi, is-socċjeta' konvenuta ma għandha l-ebda eċċezzjoni xi tressaq kontra t-talba għall-ħlas ta' l-imsemmi ammont.
3. Is-soċjeta' konvenuta ġiet interpellata ripetutament sabiex tħallas l-imsemmi ammont hija baqgħet inadempjenti u ma ħallsitx.

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ, ai termini ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta li tħallas lis-soċjeta' attriċi l-ammont ta' €27,734.74 rappreżentanti l-bilanċ ta' prezz ta' materjal tal-bini, inkluż concrete concrete u bricks, mibjugħ u kkonsenjat lis-soċjeta' attriċi, u dan fuq inkarigu tas-soċjeta' konvenuta stess, skont ma jirriżulta mill-*istatement* anness, mill-fatturi relattivi annessi komplessivament u mid-*delivery notes* relattivi annessi;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 1434/2019 datata 16 t'April 2019 oltre l-imgħax legali mit-30 t'April 2018 sad-data tal-effettiv pagament kontra s-soċjeta' konvenuta;

Rat li s-soċjeta` konvenuta ġiet notifikata bil-mezz tal-pubblikazzjoni u affissjoni;

Rat li l-ebda rappreżentant tagħha ma deher waqt l-udjenza tas-17 t'Ottubru 2019 li nżammet wara n-notifika msemmija u lanqas użufruwiet ruħha mill-fakolta`,

lilha mogħtija mill-Artiklu 170(1) tal-Kap. 12, li tippreżenta nota ta' sottomissjonijiet biex tattakka bħala mhux regolari l-proċedimenti magħmula mis-soċjeta` attriċi jew li dawn ma jgħoddux għal dan il-każ;

Rat li Dr Massimo Vella għas-soċjeta` attriċi kkonferma waqt l-istess seduta li l-ammont kien għadu dovut;

Rat li l-kawża ġiet iddifferita għallum għas-sentenza;

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba billi tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ, ai termini ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Tilqa' t-tieni talba billi tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta li tħallas lis-soċjeta' attriċi l-ammont ta' €27,734.74 rappreżentanti l-bilanċ ta' prezz ta' materjal tal-bini, inkluż concrete concrete u bricks, mibjugħ u kkonsenjat lis-soċjeta' attriċi.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 1434/2019 datata 16 t'April 2019 oltre l-imgħax legali mit-30 t'April 2018 sad-data tal-effettiv pagament kontra s-soċjeta` konvenuta.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA